MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2003

Numru 415/2001

**Il-Pulizija**
(Spettur Paul Camilleri
**Vs**
**Pier (Pier Paul) k.a. Pierre Buttigieg**
**Steve Spiteri**
**Giovanni Costa**
**Joseph Stephen Gabriel**
**Marlon Attard**

Fil-Konfront ta` l-imsemmi Steve Spiteri ta’ 19 il-sena bin missier mhux maghruf u Maria Spiteri, imwieled Pieta’ fis-07 ta’ Awwissu 1981 u joqghod ‘Claudine House’ Triq il-Prinjoli, Attard, numru tal-karta tal-identita 435381M.

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Steve Spiteri, talli fis-7 ta` Lulju 2001 ghal-habta ta` xi l-11.00 pm fil-Belt Valletta:-

a. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamel hsara fil-hanut maghruf bhala 'Baffalo Kiosk', liema hsara hija ta` aktar minn Lm50 (hamsin lira Maltin) izda mhux aktar minn Lm500 (hames mitt lira Maltin) ghad-dannu ta` Shaun Curmi mill-Belt Valletta, u dan bi ksur tal-artikolu 325 (b) tal-kap 9 tal-ligijiet ta` Malta;

b. volontarjament kiser l-bon ordni u l-paci pubblika b`ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

c. Qal fil-pubbliku kliem indicenti w oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f`dagha u dan bi ksur tal-artikoli 338 (bb) u 342 tal-kap 9 tal-ligijiet ta` Malta;

d. Hebb flimkien ma ohrajn kontra Shaun Curmi u Justin Balzan sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew ghamlilhom hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (d) tal-kap 9 tal-ligijiet ta` Malta;

e. Imbutta flimkien ma ohrajn lil Shaun Curmi u lil Justin Balzan sabiex iweggghahom jew jinsulentahom u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

f. Hebb flimkien ma ohrajn ghal Shaun Curmi u Justin Balzan u ikkagunalhom griehi ta` natura hafifa kif iccertifikat minn Dr.Kevin Zammit M.D. tal-isptar San Luqa u Dr.Raymond Patiniott M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana u dan bi ksur tal-artikolu 221 (1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Rat in-nota ta` l-Avukat Generali

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghhu jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti

Rat li l-akkuzat fis-seduta ta` illum ammetta l-akkuzi migjuba kontrih u li tenna l-istess ammissjoni anke wara li l-Qorti fissritlu bi kliem semplici u car x'jigifieri ammissjoni u x'jistghu jkunu il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni

Issibu hati

Rat l-Artikoli 325 (b), 338 (bb), 342, 339(d), 215, 221 fil-konfront ta' l-akkuzat kif ukoll rat l-Artikoli 49 u 50 tal-kap 9, kif ukoll l-artikolu 22 tal-kap 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ghalhekk fil-waqt li issib lil-akkuzat hati kif intqal fuq, tillibera lil akkuzat taht il-provedimenti ta` l-artikolu 22 tal-kap 446 b`dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin m`illum.

Il-Qorti qed tfisser l-import ta` din is-sentenza lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------